MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 354/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Malcolm Mifsud**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Marzu, 2006 ghall-habta ta' nofs il-lejl, fi Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex, f'Msida Road, Gzira, fix-Xatt tal-Gzira, f'Parisio Street, Gzira, f'St. Albert Street, Gzira, f'Bouverie Street, Gzira w fi Triq Carlo Manche, Gzira, saq vettura HAW-931 :**
1. **b'manjiera traskurata;**
2. **b'manjiera perikoluza;**
3. **b'manjiera bla kont;**

**4. bi speed eccessiv;**
**5. naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128/1994, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' mija w hamsin lira Maltin (LM150).
Inoltre ordnat ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal zmien tlitt (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ravvizata mid-difiza.**

**Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-lum u cioe' lil PS 1136 Fabian Fiteni, PC 376 Andrew Grech u PC 74 Mark Chetcuti illi huma kollha konkordi illi fis-7 ta' Marzu, 2006, ghall-habta ta' nofs il-lejl, kienu nnutaw zewg guvinutur jidhlu f'karozza Peugeot numru HAW-931 li kienet ipparkjata "double parking" go Enrico Mizzi Street, gewwa l-Gzira, w meta marru quddiemha bil-karozza taghhom biex ma jhalluhix issuq, is-sewwieq li gie identifikat posittivament u minghajr l-ebda l-icken dubju mit-tlitt xhieda tal-prosekuzzjoni bhala li kien l-appellant, qabad u saq minn fuq il-post u gera' ma' diversi toroq li ssemmew fic-citazzjoni bi speed tant qawwi ghall-lokalita', li d-**

**driver tal-car tal-Pulizija li kien anki qed itellgha sa tmenin kilometru fis-siegha ma setax ilahhaq mieghu sakemm umbaghad tilfuh gewwa Bouverie Street. Irrizulta wkoll illi peress li s-surgent kien jaf lill-appellant u kien jaf ukoll li ma setax ikun barra f'certu hinijiet tal-lejl minhabba kondizzjonijiet imposti fuqu minn xi Qorti in konnessjoni ma l-ghoti tal-liberta' provvizorja, mar jiccekja l-indirizz tieghu w minn hemm it-tlitt fizjali marru fl-imsemmi indirizz fejn sabu l-karozza tal-akkuzat bil-bonnet ghadu shun, ipparkjata fejn kantuniera fuq id-"double yellow line" u bic-cwievet go fiha w meta habbtu d-dar tal-akkuzat, hareg l-akkuzat u ghad-domanda x'kien qed jaghmel dak il-lejl, qallhom li jhalli c-cavetta fil-karozza w setgha kien xi hadd iehor li jixbhu.**

**Illi fl-istat tal-provi kif irrizulta lil din il-Qorti w fl-assenzja tal-icken prova kontrarja, din il-Qorti tara illi l-ewwel erba' mputazzjonijiet jirrizultaw ampjament u kull appell fuqhom jirrazenta tal-appell fieragh.**

**Invece pero' minn imkien ma jirrizulta illi nghata xi ordni mill-Ufficjali tal-Pulizija koncernati w li l-appellant naqas li jobdi tali ordni. Ghalhekk il-hames imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell limitatament, billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel erba' mputazzjonijiet u cioe' sewqan ta' manjiera traskurata, b'manjiera perikoluza, b'manjiera bla kont u bi speed eccessiv, b'dana li dawn huma kollha assorbiti fit-tieni imputazzjoni ta' sewqan perikoluz, kif ukoll tikkonfermaha in kwantu ordnat l-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan tal-appellant ghal zmien tlitt xhur, liema terminu jibda jghaddi minn nofs il-lejl tal-lum, u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilu mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom u minflok issibu mhux hati ta' din l-akkuza w tilliberah minnha w tirrevokaha wkoll fejn ikkundannat lill-appellant ghal hlas ta' multa ta'**

**mija w hamsin lira (LM 150) w minflok tikkundannah ghall-multa ta' mija w erbghin lira Maltin (LM 140) li jridu jithallsu llum u, in difett, jigu konvertiti minnufih u awtomatikament fi tmienja w ghoxrin (28) gurnata prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------